**7 ta' Awissu, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Pawla Brimmer et

*versus*

Wilfred Mamo noe et

**Danni — Likwidazzjoni ta' — Damnum emergens — Lucrum cessans — Mewt — Kolliżjoni.**

*F'dina l-kawża l Qorti kkunsidrat dettaljatament l-prinċipji li jirregolaw l-likwidazzjoni tad-danni riżultanti minn mewt kawżata bin-negliġenza tal-persuna responsabbli.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jingħataw d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa — billi l-konvenut Ingliż fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċem-

bru, 1960, f'xi 1.30 a.m., fil-waqt li kien qiegħed isuq self drive Morris Minor numru 23634 f'Saint Joseph High Street, il-Ħamrun, imħabba imperizja, negliġenza u innosservanza tar-Regolamenti tas-sewqan tela' fuq il-bankina u kkaġuna l-mewt ta' Michael Brimmer rispettivament iben u ħu l-atturi, u billi l-karozza li kien qiegħed isuq il-konvenut Ingliż kienet assikurata mad-ditta konvenuta, kif rappreżentata minn Paul Mamo nomine, bis-saħħa ta' Polza numru 2057264, u billi l-istess ditta assikuratriċi ma tridx taddivjeni għall-ħlas tad-danni skond il-liġi — talbu li (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenut Ingliż huwa l-uniku responsabbli tal-mewt li ġrat lil Michael Brimmer għall-motivi ġa fuq premessi, u (2) l-konvenuti jkunu kundannati jħallsu lill-atturi, bħala danni, somma ta' flus li tiġi likwidata minn dina l-Qorti permezz ta' perit li jiġi għal dan il-fini nominat minn dina l-Qorti, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal- għoxrin (20) ta' Ġunju, 1961 kontra l-konvenuti.

Rat ir-rikors tal-atturi tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 1961, u ż-żewġ digrieti tat-tletin (30) ta' Ġunju, 1961, u dak tat-tnax (12) ta' Lulju tal-istess sena li minnhom jidher li biex jirrappreżenta lil Sub. Lieut. William Douglas Ingliż ġie nominat Wilfred Mamo li aċċetta l-Bandi fit-tmienja (8) ta' Lulju, tal-1961.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u n-nota tax-xhieda tagħhom;

*Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha* qalu, li:—

1. Id-domanda għad-dikjarazzjoni li l-konvenut Ingliż huwa l-uniku responsabbli għall-inċident saret inutilment peress li qabel ma saret il-kawża kien hemm trattativi għall-arranġament bonarju bejn il-kontendenti u l-unika ħaġa li fuqha

ma qablux *il-kontendenti* kienet *il-kumpens* dovut lill-attur, u għalhekk fi kwalunkwe każ, l-atturi għandhom ibatu l-ispejjeż ta' dina d-domanda.

2. Kwantu għat-tieni domanda, il-konvenuti offrew lill-atturi s-somma ta' sitt mitt lira (£600) bħala kumpens għas-saldu tal-kreditu tagħhom. Dawn irrifjutaw li jaċċettaw dina s-somma billi jippretendu somma esorbitanti offerta minnhom b'ċedola preżentata minnhom *fit-tlieta* u għoxrin (23) ta' Ġunju, 1961, jiġifieri qabel ma ġiet preżentata *fis-seba'* u għoxrin (27) ta' Ġunju, 1961, salvi eċċezzjonijiet *oħra*;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u nota tax-xhieda tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tat-tlieta (3) ta' Ottubru, 1961, minn fejn jidher li ġie nominat perit legali sabiex ifittex u jgħid kemm l-atturi "jure successionis", ħaqqhom kumpens minħabba d-danni kaġonati mir-rappreżentat mill-konvenut Wilfred Mamo nomine, l-għaliex dwar r-responsabilità l-istess tidher virtwalment ammessa salv il-provi tal-kap tal-ispejjeż tad-dikjarazzjoni tal-ħtija.

Rat il-verbali tas-seduti li żamm il-perit legali kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu tal-għoxrin (20) ta' Mejju, 1963, minnu maħlufa *fit-tmienja* u għoxrin (28) *ta'* Mejju, 1963;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut *nomine* kif ukoll il-verbal tas-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju, 1963, li minnu jidher li rrinunzja għat-talba ta' periti perizjori.

Rat ir-rikors ta' Polly armla ta' Frank Brimmer, tas-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju, 1963, u digriet tal-istess jum, xahar u sena minn fejn jidher li l-proċess ġie trasfuż fir-rikorrenti l-għaliex żewġha miet fil-mori tal-ġudizzju.

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet lill-Avukati;

Ikkunsidrat:

Mill-provi l-fatti li fuqhom hija bażata l-kawża huma dawna li sejrin jiġu relatati. Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru, 1960, f'xi 1.30 a.m., Michael Brimmer iben u ħu l-atturi ġuvni ta' dsatax-il sena ċirka ġie nvestit mill-karozza Morris Minor numru 23634 li kienet misjuqa mill-assenti Sub. Lieutenant William D.C. Ingliż rappreżentat f'dina l-kawża mill-konvenut Wilfred Mamo meta dika l-karozza minħabba negliġenza ta' l-istess Ingliż telgħet fuq il-bankina f'Saint Joseph High Road, Hamrun, u li in konsegwenza dak il-ġuvni nvestit ftit wara li ġie meħud l-Isptar St. Luke, miet in konsegwenza tal-feriti riportati. Il-konduċenti tal-vettura li kkaġunat l-mewt ta' Michael Brimmer huwa rappreżentat f'din il-kawża minn Wilfred Mamo, u l-karozza in kwistjoni kienet assikurata mad-ditta rappreżentata fil-proċess mill-konvenut Paul Mamo. L-atturi huma kjamati għas-suċċessjoni "ad intestato" tad-decuius Michael Brimmer.

Ikkunsidrat:

Illi llum Wilfred Mamo nomine, fin-nota tal-eċċezzjonijiet qiegħed jammetti r-responsabilità tar-rappreżentant minnu imma qiegħed isostni li t-talba għad-dikjarazzjoni tar-responsabilità kienet inutili peress li kienu qabel ma saret l-kawża qegħdin isiru trattativi għad-determinazzjoni tal-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni mad-ditta Assikuratriċi u kwindi impliċitament ma kienx hemm kwistjoni dwar ir-responsabilità tal-konduttur tal-karozza li kkaġunat il-mewt ta' Michael Brimmer u għalhekk il-konvenut nomine msemmi qal li l-atturi kellhom ibatu l-ispejjeż ta' din id-dikjarazzjoni.

Illi huwa minnu li l-assikurazzjoni ma waslitx qabel il-kawża għad-determinazzjoni tad-danni għax *is-somma* ta' sitt mitt lira (£600) offerta ma ġietx aċċettata mill-atturi jew minn Joseph Brimmer li mar jikkontratta magħhom dwar il-"quantum" imma huwa wkoll minnu li Wilfred Mamo tifel ta' wieħed mill-proprjetarji ta' l-Aġenti Assikuraturi u li jaħdem fl-istess uffiċċju tagħhom u li qiegħed jirrappreżenta lill-konduċent tal-karozza li biha ġiet kaġonata l-mewt aċċetta l-bandi iżda ma jirriżultax li qabel dika l-aċċettazzjoni Wilfred Mamo kellu xi nkariku mir-rappreżentant tiegħu fil-kawża li jammetti r-responsabilità waqt li kienu qegħdin isiru t-trattativi dwar il-"Quantum" tad-danni bejn ir-rappreżentant tad-ditta assikuratriċi u r-rappreżentant ta' l-atturi, kif fuq intqal fallew. L-uniku li seta' jaċċetta r-responsabilità kien William Douglas Colin jew ir-rappreżentant tiegħu jekk kellu mandatarju meta assenta ruħu mill-Gżira u dana ma jirriżultax mill-provi li huwa aċċetta dika l-istess responsabilità.

Illi minn dan jitnissel li d-dikjarazzjoni kontra William Douglas Colin kienet meħtieġa u llum li ġiet ammessa għandha tiġi ammessa bħala tali kontra l-istess Colin biss li għandu jbati l-ispejjeż tagħha. Minn dina l-ammissjoni kienet tiddependi t-tieni u t-tielet domanda ġudizzjarjament.

Ikkunsidrat:

Illi d-ditta assikuratriċi fid-dokument G, u fit-trattazzjoni orali u skritta tal-kawża qiegħda ssostni li d-danni huma dovuti lid-dipendenti diretti tad-decuius. Dina t-tesi tad-ditta assikuratriċi ma tistax tiġi akkolta bil-favur l-għaliex il-każ in disamina għandu jiġi regolat mil-liġi Maltija fejn sar id-delitt u dina l-liġi fl-artikolu 1088 u 1089 tal-Kodiċi Ċivili kumulati flimkien tirrisolvi dina l-kwistjoni favur l-atturi, li huma l-eredi "ex lege" tad-decuius li għandhom id-dritt flimkien mat-telf u spejjeż attwali kkaġonati jieħdu d-danni, f'każ ta'

mewt, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem skond ma jingħad fl-artikolu 1088 Kapitolu 23.

Illi dana l-aħħar fuq imsemmi jikkontempla erba' xorta ta' danni u ċioè:

1. It-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara.

2. L-ispejjeż li dina l-parti (*li sofriet il-ħsara*), *tkun* għamlet minħabba l-ħsara;

3. It-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali;

4. It-telf *ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba* nkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' iġib. Fil-valutazzjoni ekonomiku tal-inkapaċità għandhom jiġu kunsidrati.

(i) Iċ-ċirkostanzi tal-każ, u fuq kollox, ix-xorta ta' grad ta' nkapaċità kkaġonata u (2) il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara. *Ma hemmx bżonn* jingħad li fil-każ in disamina, li kien kolpuż u mhux doluż, is-somma dwar l-inkapaċità għandha tkun dika stabilita mil-liġi fil-jum tad-delitt u ċioè mhux iżjed minn elf u mitejn lira (£1200), l-għaliex l-emenda fuq dana l-ammont tas-sezzjoni 17 tal-Ordinanza XXI 1962 daħlet in vigore fl-ewwel (1) ta' Awissu, 1962.

Illi l-ġurisprudenza lokali fissret f'diversi ġudikati l-istess liġi positiva imma qabel ma jiġu ċitati xi deċiżjonijiet huwa tajjeb li jingħad li l-kriterju fondamentali "in subjecta materia", huwa li fil-likwidazzjoni ta' danni *ma hemmx regola fissa* u inflessibbli jew skalari l-għaliex kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-fissazzjoni tal-"quantum" huwa mħolli fil-prudenzjali arbitriju tal-Qorti (f'każ ta' ħsara mhux

dolosament stabilita mil-liġi).

Illi stabilit dana jingħad li ġie deċiż (ara Appell għoxrin (20) ta' Jannar, 1956 Marianna armla ta' Francesco Callus proprio et nomine versus Benedetto Zammit) li l-Artikolu 1089 Kodiċi Ċivili jikkontempla l-każ ta' danni fil-każ ta' mewt tad-danneġġjat fejn **jidħlu wkoll** favur il-werrieta tal-mejjet id-dannu bħala fil-każ ta' nkapaċità totali għal dejjem skond dina l-istess dispożizzjoni. Intqal ukoll f'dika s-sentenza li l-kondizzjoni tad-danneġġjant hija l-kondizzjoni ta' min jirrappreżenta l-mejjet. L-istess ġudikat kompla jgħid li fil-likwidazzjoni tal-"lucrum cessans" iridu jittieħdu in konsiderazzjoni diversi elementi, fosthom: (1) l-età tal-vittma, (2) il-kondizzjoni soċjali tagħha, u (3) mhux biss il-proventi li kienet qiegħda ddaħħal qabel il-mewt imma dawk **potenzjali** jiġifieri dawk li bil-ħila tagħha huwa **probabili** li 'l quddiem kienet tagħmel skond l-opportunitajiet li llum toffri l-ħajja għall-bniedem, tal-età tal-mejjet. F'sentenza oħra tal-istess Qorti ta' l-Appell (ara Appel ħamsa (5) ta' Novembru, 1937 "Giuseppe Fenech vs, Vincenzo Pace" Vol. XXIX P I, paġ. 1129) intqal li fil-likwidazzjoni tal-"lucru cessans" il-Qorti għandha tipproċedi b'ċirkospezjoni kbira peress li dana l-qliegħ huwa bażat fuq il-probabilità u jista' jonqos minn mument għall-ieħor anki għall-kawżi naturali. F'sentenza oħra tal-Qorti fuq imsemmija (Appel disa' (9) ta' Mejju, 1956 "Carmelo Fenech proprio et nomine vs. Antonio Galea") ġie deċiż li l-liġi (Artikoli 1008-1089 Kodiċi Ċivili) tindika l-kriterji kif l-inkapaċità għandha tiġi valutata u dwar il-kriterju tax-xorta u grad ta' nkapaċità meta dina tkun massima (bħal ma hija l-mewt tad-danneġġjata) l-istess għandu jiġi kkunsidrat fuq "la utilità economica perduta", in korrelazzjoni mal-ħajja presunta tal-mejjet (expectation of life) u dwar il-kriterju tal-kondizzjoni tad-danneġġjat affermat li jrid jiġi kkontemplat jekk id-danneġġjat setax jimmilljora l-kondizzjoni tiegħu u f'dina l-probabilità hija mportanti l-prinċipju li "in probatione lucri suffi-

cient praesumptiones". Intqal ukoll li tant il-grad ta' negliġenza kemm id-dipendenza tal-familjari għandhom importanza, kif ukoll il-ħlas ta' somma sħiħa bħala danni, somma li tista' tirrendi nteressi jirrendu meħtieġ li jiġu kalkolati dawn l-interessi l-għaliex kieku d-danneġġjat baqa' ħaj l-istess somma kien jeħodha progressivament (ara wkoll Prim'Awla Ċivili tat-tnax (12) ta' Ġunju, 1956) in re: Conċetta Brooks vs. Emanuela Sarè Vol. XL P. II, paġ. 31).

Illi biex jiġu rikapitolati l-prinċipji regolatorji tad-danni ċessanti partikolarment fil-każ ta' nkapaċità massima jingħad li:—

1. Il-likwidazzjoni tagħhom trid tkun għal kwantu ċirkospetta in vista tal-probabilità tagħhom li tista' tonqos barra minn għal kawżi oħra bħal per eżempju stat ta' żwieġ għal min ikun għadu ġuvni anki għal kawżi naturali bħala l-mewt prematura għall-ġeneru uman kollu.

2. Huma suffiċenti għall-prova tagħhom l-presunzjonijiet dipendenti mill-provi ta' potenzjalità tal-persuna kolpita għax-xogħol akkopjata mal-probabilità ta' gwadanji futuri, fir-rifless ta' dika l-potenzjalità kkunsidrata fil-ħajja tal-lum ta' l-utilità ekonomika.

3. Jiġu kkunsidrati l-eredi tal-mejjet taħt żewġ aspetti u ċioè fir-relazzjonijiet ma' l-istess mejjet għall-ammont li għandu jiġi likwidat in kwantu għad-dipendenza tagħhom mill-vittma u b'sempliċi vinkolu familjari biss bħad-dipendenza l-għaliex jekk id-dipendenza taċċentwa l-"quantum" innuqqas ta' dipendenza bla ma tinnewtralizza d-dritt għad-dannu tista' f'ċerti każi, tassottilja l-istess dannu u tirriduċih.

4. Il-fatt li titħallas somma f'daqqa għandu jiġi ġusta-

ment u ekwament ikkunsidrat għall-maturazzjoni ta' nteressi li dina l-istess somma hekk imħallsa tista' tirrendi u li kieku ġiet imħallsa progressivament kif kellha tkun setgħet biss in parti tirrendi l-imgħax jekk ma tiġix minfuqa kollha kemm hija.

Ikkunsidrat:

Illi premess dan li fuq intqal, dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tillikwida d-danni sew emerġenti kemm ukoll ċessanti.

Li taħt il-kap tad-danni emerġenti jingħad li l-atturi qegħdin jippretendu għall-ispejjeż funerarji l-ammont ta' tnejn u tmenin lira u għaxar xelini (£82.10s.0), kif ukoll sitt liri u għaxar xelini (£6.10s.0) għall-esekwi reliġjużi.

Illi in tema ġenerali jingħad li l-iskola Ingliża hija ġeneralment kuntrarja għall-ammissibilità ta' dawn l-ispejjeż fuq il-ħsieb li xi darba kull ħadd għandu jmut u kwindi dina l-ispiża dejjem xi darba trid ssir imma anki dina l-ġurisprudenza Ingliża ġie li ammettiethom (ara Bedwell vs. Golding & Sons 18 J.L.K. 436 ċitata minn Bevin in Negligence Vol. I, paġ. 248 u Roberts vs Gibbs paġ. 155) imma dina l-Qorti fuq l-awtoritajiet ċitati fis-sentenza tagħha (Prim'Awla Ċivili tmienja (8) ta' Jannar, 1947 in re: "Carmelo Grech proprio et nomine vs. Michael Azzopardi" Vol. XXXIII P. II paġ. 1), hija ta' kuntrarju avviż l-għaliex il-Ġurisprudenza tagħna (Appell Ċivili tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 1921 in re: "Giorgio vs. Grech et" Vol. XXIV P. I, paġ .900), tammettihom bażata fuq ir-raġuni loġika ġuridika illi l-veru ħlas huwa effettiv sborżament li jkun sar tal-flus minħabba fl-anteċipazzjoni tal-mewt huwa argument superjuri għas-sottiljezza tal-argument li xi darba għandna mmutu, fl-inċertezza ta' kif, fejn u meta li jistgħu aktar tard ma jkunux jirrikjedu dika l-ispiża.

Illi jingħad però li dawn l-ispejjeż għandhom ikunu moderati u raġonevoli u skond il-grad soċjali tad-decuius l-għaliex jekk huma rikuperabbli mid-danneġġjanti dana l-aħħar *imsemmi għandu jsofri dak li huwa raġonevolment ġust* flisfond tal-grad soċjali tal-mejjet u mhux ċivili illi r-reklamanti jakkrexxi d-dannu lill-kolpevoli anzi hija regola li jevitawlu taħt dan il-kap il-ħsara li jrid jirrisarċixxi. Biex jingħata eżempju esaġerat ħalli tkun tista' tiġi aktar rilevata l-komparazzjoni jingħad li mhux leċitu għad-danneġġjati jidfnu l-vittma fi tliet kaxxi waħda tal-injam tal-arznu l-oħra taċ-ċomb u l-oħra tal-kawba jew jidfnuh ġewwa kaxxa taż-żingu rikoperata b'kaxxa tal-fidda l-għaliex jekk hekk jagħmlu jkunu qegħdin jaggravaw *lid-danneġġjant sabiex jissodisfaw qima* malintiża lill-mejjet. Dina l-Qorti ma tridx tattakka s-sentiment ġust u ammirevoli tal-familjari tal-mejjet versu l-mejjet imma mill-banda l-oħra trid li ma jiġix daka l-istess sentiment jimponi, barra mil-limiti tar-raġonevolezza u kondizzjoni tal-mejjet spejjeż żejda lil min ikun tenut għad-danni.

Illi fid-dawl ta' dawn l-konsiderazzjoni jiet dina l-Qorti hija tal-fehma li somma ta' ħamsin lira (£50) għat-tebut ta' barra tal-prima *klassi ma kienitx konfaċenti għall-kondizzjoni* soċjali tal-mejjet u fil-ġudizzju arbitrali tagħha tiddikjara li dika l-ispiża għandha tiġi ridotta għal tletin lira (£30). liema somma hija aktar ġusta u ekwa u fl-istess ħin ma taggravax lil min għandu jsofriha, meta jiġi konsidrat li dika l-kaxxa kienet qiegħda tirrikopri kaxxa tal-valur ta' sitt liri (£6) taż-żingu. Dina l-Qorti mingħajr ebda ombra li timmenoma s-sentiment ammirevoli tal-familjari tal-mejjet ma tistax tissanzjona li dana s-sentiment ikun esaġeratament sodisfatt għalkemm hija l-ewwel waħda *li* umanament tħossu u tapprezzah mill-punt di vista li jkunu rawh, ħassewh u ġew trasportati għalih il-membri tal-familja tal-mejjet bla ma setgħu għall-mument fl-angoxxja tal-perdita jirriflettu fuq ir-riversament ta' l-ispiża fuq il-konvenut prinċipali.

Illi **dwar il-kriterju** tal-konvenuti għall-ispiża ta' disa' liri (£9) għall-karozzi tal-funeral, dika ta' erba' liri u erba' xelini (£4.4.0) għall-kuruni u fl-aħħarnett dika ta' sitt liri u għaxar xelini (£6.10.0) għall-quddies, fil-ħsieb konsiderat ta' dina l-Qorti, l-istess ma hijiex ġusta l-għaliex dwar l-ewwel spiża, jingħad li apparti li l-familja tal-mejjet hija għal kwantu numeruża fit-terminu familja jidħlu wkoll il-qraba u aktar ma ċ-ċirku jikber aktar jiżdiedu n-nies; dwar it-tieni spiża li kien isemmi, li l-offerti florejali huma l-aħħar qima ndividwali li kull ħadd rispettivament iħoss skond is-sentiment ġenerali li għandu personalment jagħmel mhux kollettivament u dwar it-tielet spiża huwa ta' min isemmi li mhux argument li l-Gvern jew aħjar l-Istitut governativ tributarju ma jammettiħomx imma huwa mportanti li jiġi kkunsidrat li l-uniku anell li jibqa' bejn il-mejtin u l-ħajjin huwa t-talb, li bih inżommu ħajja bejna u bejn dawk li marru d-dinja l-oħra dika l-eredità ta' affetti li l-ebda ħsieb materjali ma' jista' jħassar u jservi għal daka l-konfort ta' l-ispiritu, li jnissel miegħu l-benesseri (għalkemm prinċipalment spiritwali) taċ-ċittadini fil-ħajja li għad iridu jkomplu fis-soċjetà b'mod li jiġġjova anki direttament għall-ħajja ta' kuljum u materjali tal-kommunità.

Illi kwindi dwar id-danni emerġenti l-kont ta' tnejn u tmenin lira u erbatax-il xelin (£82.14.0), għandu jiġi ridott biss għas-somma ta' tnejn u sittin lira u erbatax-il xelin (£62.14.0) u mantenut ferm għall-kumplament.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-lukri ċessanti jingħad li:

1. Il-mejjet Michael Brimmer meta ġie kolposament maqtul kellu tmintax-il sena u tmien xhur, kien f'saħħtu u fil-fjur ta' l-età u kien għadu ġuvni ċioè mhux miżżewweġ.

2. L-istss decuius meta miet kien engine fitter apprentice imma kien juri l-ambizzjoni leġittima li jimmeljora ruħu tant li kien qiegħed jattendi kors ta' radio telegraphy sabiex jekk jista' jkun jilħaq wireless operator, pożizzjoni li kienet tirrendi, pożizzjoni aktar imħallsa anki fl-esteru minn dika li kellu d-Dockyard bħala fitter.

3. Il-paga li kien qiegħed jieħu fil-waqt tal-mewt kienet ta' tliet liri, sitt xelin u tliet soldi (£3.6.3) fil-ġimgħa, liema paga kien qiegħed jagħti l-ommu. Għall-ħabta ta' Ottubru, 1963, u ċioè meta Michael Brimmer kien ikollu ċirka wieħed u għoxrin sena u nofs u bħala fitter kien ikun jista' jiġbor paga ta' seba' liri tlettax-il xelin u nofs .£7.13.6d) fil-ġimgħa, u kieku sar "chargeman" l-aktar wara ħmistax-il sena u ċioè meta l-mejjet kien ikollu sitta u tletin sena u nofs il-paga kienet tiżdiedlu b'sittax-il xelin (16s) fil-ġimgħa. Il-mejjet kellu wkoll imma għal kwantu remotament il-possibilità li jilħaq foreman u kien allura jilħaq salarju ta' sitt mija u għoxrin lira (£620) fis-sena. Dwar il-kors ta' wireless telegraphy, li huwa normalment ta' sentejn, wara liema żmien il-kandidati jieħdu ċertifikat ta' attendenza biss bla eżamijiet jingħad li dana l-istess kors kien jinkludi kors ta' morse manual, ieħor ta' radio telephone u dak ta' teleprinting. Il-mejjet kien laħaq għamel biss nofs il-morse manual telegraphy għax mill-partijiet l-oħra kien għadu ma għamel xejn, iżda bil-kors tal-morse manual telegraphy seta' jimpiega ruħu. Mill-provi jirriżulta li l-mejjet kien attent ħafna imma jirriżulta wkoll illi l-mejjet ma kellux lokalment okkażjoni li jsib impieg f'dina l-branka ta' xogħol għax l-opportunità ta' daka s-servizz kienet skarsa. Jingħad ukoll li mentri fl-annu 1948 il-prospetti tal-istudenti tal-ground radio operators kienet tajba ħafna lokalment għax kienu jiġu assunti mill-International Air Radio Limited, bejn l-annu 1950 u 1952 ċirka l-pożizzjoni tbiddlet u ma baqgħux, ħlief sporadikament, jiġu assunti l-istudenti msemmija u fl-anni 1960, 1961 u 1962 rarament kienu jiġu

assunti. Barra minn dana l-mejjet kien ukoll igħin lil ħutu meta jkun frank jew wara l-ħin fit-twaħħil ta' antenni tat-televisions bil-connections tagħhom ma' l-istess apparat.

Illi qabel ma dina l-Qorti tgħaddi sabiex tiddetermina l-lucrum cessans tħossha fid-dmir li tgħid li l-fatt li l-ġenituri tal-mejjet għandhom xi beni u flus ma jipprekludihomx kif donnu jrid isostni l-konvenut u l-assikurazzjoni, milli jitolbu d-danni taħt dana l-kap tal-lucrum cessans l-għaliex allura naslu għall-assurd li jekk d-danneġġjat ikun fakoltuż id-danneġġjanti ma jkunx tenut għall-ebda lucri cessanti u d-danneġġjat ikun eskluż mid-dritt ta' risarċiment għad-danni anki għall-inkapaċità parzjali li fil-futur ikun jista' jaqbad jaħdem (ara Temi Federali Svizzera disa' (9) ta' Mejju, 1903 De Frose kontra De Faldon Manitore anno 1903 pag. 896).

Illi kwindi l-kritika avanzata mill-konvenuti fuq dana l-punt ma tistax tiġi ntrattenuta bil-favur.

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni l-utilità ekonomika mitlufa in korrelazzjoni mal-eventwalità tal-formazzjoni ta' familja proprja mill-parti tad-decuius fl-età ta' sitta u għoxrin (26) sena u ma' dak li, sa ma jifforma l-familja tiegħu, kien jonfoq għall-eżiġenzi tiegħu tiffissa, fuq il-konsiderazzjonijiet oħra fuq sottomessi wkoll, is-somma ta' tmien mija u tmenin lira (£880) mingħajr ma ġie minsi li dina s-somma sejra titħallas globalment.

Illi fir-rapporti nterni mħabba r-rifless ta' dipendenza dina s-somma għandha tiġi ripartita in kwantu għall-mija u erbgħin lira (£140) kull wieħed mill-ġenituri tal-mejjet u in kwantu għall-mitt lira (£100) kull wieħed, lil ħutu in kapi u lill-eredi ta' Frank Brimmer li għaliha assumiet l-atti martu,

salvi d-drittijiet tal-mara tal-istess Frank Brimmer.

Illi kwindi t-talbiet attriċi, jimmeritaw li jiġu akkolti.

Għalhekk:—

Taqta' u tiddeċiedi billi (1) tiddikjara lil Wilfred Mamo nomine ħati tal-kolliżjoni fuq ammissjoni tiegħu bl-ispejjeż ta' dina d-dikjarazzjoni għall-istess Lieutenant William Douglas Colin kif fuq rappreżentat, liema spejjeż għandhom ikunu tassabbli bħal fil-każ ta' ammissjoni, (2) tillikwida d-danni emerġenti għas-somma ta' disa' u sittin lira u erba' xelini £69.4.0) u dawk tal-lukri ċessanti għal tmien mija u tmenin lira (£880) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti nomine, jħallsu lill-atturi s-somma fuq hekk likwidata u ċioè disa' mija u disa' u erbgħin lira u erbgħa xelini (£949.4.0) bl-ispejjeż ta' dana l-kap għall-konvenuti.